**ĦAL TARXIEN**

**KUNSILL LOKALI TARXIEN**

**Minuti Laqgħa Straordinarja Nru. 16/06**

* **Il-Kunsill Itaqa' nhar** Data u hin
**Il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 2010 fl-4.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Maurice L. Mallia** | **Seg. Eżek.** |

**Is-Sinj. Cl. Lanzon kienet skużata.**
**Is-Sur I. Dalli kien assenti.**

*** **Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**1.0 Aġġudikar tal-Offerta tal-Manutenzjoni tal-Ġonna**

**1.1** Is-Sindku beda biex qal li kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kellu jibgħat lil dawk li ssottomettew l-offerta tagħhom (App. 1) biex jagħtu iżjed dettalji dwar l-azjenda tagħhom, bħal kemm għandhom ħaddiema rreġistrati mal-ETC, x'makkinarju għandhom biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ, u mistoqsijiet oħra biex jiddikjaraw kif ser jaħdmu, fost oħrajn. Dikjarazzjonijiet mill-Azjendi

**1.2** Minn 7 li ġew *short-listed*, 5 biss wieġbu. (Rapport App. 2)

**1.3** Il-Kunsill iddiskuta fid-dettal kull tweġiba u kemm hi valida u prattikabbli.

**1.4** Il-Kunsill qabel unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża bbażata fuq it-tweġibiet sottomessi hi dik tal-Environmental Landscape Consortium (ELC) għal-valur ta' €14000 kull sena inkluż VAT u *Contract Manager's fees*. Għażla

**1.5** Ġie deċiż ukoll li ELC ikunu mitluba biex jibdew ix-xogħol minnufih b'xi prijoritajiet minħabba l-festa tar-raħal.

1.5.1 Is-Seg. Eżek. ser jikkuntattja lil Dr Cuschieri biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa.

**1.6** Wara din l-għażla, is-Sindku rrefera għall-ittra li bgħat is-Seg. Eżek. lilu u lil kull Kunsillier dwar iż-żamma tal-Garanzija Bankarja lill-Carmelo Gauci ex-kuntrattur taż-Żamma u Manutenzjoni tal-Ġonna. (App 3) Ittra mis-Seg. Eżek.

1.6.1 Din l-ittra ttieħdet bħala moqrija u s-Sindku talab għall-kummenti dwarha.

1.6.2 Il-Viċi Sindku s-Sur F. Agius qal li ma jaqbilx mad-deċiżjoni tas-Seg. Eżek. li l-kuntrattur tinżammlu l-Garanzija Bankarja għaliex dan ma ġiex deċiż mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku ma jaqbilx

1.6.3 Is-Seg. Eżek. wieġeb li ha konsiderazzjoni tad-deċiżjonijiet mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti għaliex il-Kuntrattur kien qed jonqos kontinwament mid-dmirijiet tiegħu u għalkemm kienu qed jintbgħatulu "Default Notices" regolari anke wara l-ewwel xahar tal-kuntratt tiegħu, dan baqa' ma rregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu. Dan wassal biex fir-raħal hawn telqa u żdingar li dwaru kull Kunsillier ilmenta anke' fil-laqgħat tal-Kunsill apparti l-ilmenti tal-pubbliku. Konsiderazzjoni tad-deċiżjonijiet

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Wara parag. 1.6.3 jidħol dan il-paragrafu ġdid :**

*1.6.3.1* ***Il-Viċi Sindku qal li fl-ebda laqgħa preċedenti, inkluża dik li saret ftit jiem qabel, ma kienet diskussa xi deċiżjoni li tinżamm il-Garanzija Bankarja. Huwa qal li din hija deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kunsill u mhux mis-Segr. Eżek.***

1.6.4 Is-Seg. Eżek. spjega li hu mexa fil-paramentri tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u tad-"Default Notices" li kienu qed jintbgħatu lill-Clo. Gauci fejn hemm indikat ukoll li "tista tinżammlu l-Garanzija Bankarja". Din l-ittra kienet ippreżentata f'laqgħa tal-Kunsill u madanakollu l-Kunsill ma ddiskutihiex. Default notices

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Biex jitħalla barra dan il-kliem minn para. 1.6.4 :**

***"Din l-ittra kienet ippreżentata f'laqgħa tal-Kunsill u madanakollu l-Kunsill ma ddiskutihiex".***

1.6.5 Il-Viċi Sindku baqa' jsostni li s-Seg. Eżek. kellu jkollu d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jieħu l-passi.

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Biex jiżdiedu l-kliem f'para. 1.6.5 :**

**"*F'każi bħal dawn*" wara l-kliem *"...biex jieħu l-passi"*.**

1.6.6 Is-Seg. Eżek. wieġeb li hu għandu d-dmir u l-obbligu Amministrattiv li jissalvagwarda l-interess tal-Kunsill u flus il-poplu u mhux l-interessi ta' individwu. Għaldaqstant ħa l-passi neċessarji biex iżomm flus il-Kuntrattur hekk kif ġie tterminat il-Kuntratt u qabel ma tiskadi l-Garanzija Bankarja. Obbligu Amministrattiv

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Biex jitħalla barra dan il-kliem minn para 1.6.6 :**

***"u mhux fl-interess tal-individwu".***

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Wara 1.6.6 jidħol dan il-paragrafu ġdid :**

*1.6.6.1* ***Il-Viċi Sindku reġa' sostna li din id-deċiżjoni taqa' fil-parametri tal-Kunsill u mhix deċiżjoni Amministrattiva. Għaldaqstant għandu jkollha s-saħħa ta' deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kunsill.***

1.6.7 Kompla jgħid li l-Kunsill ma kellux minn fejn jippenalizza lill-kuntrattur, lanqas xi kontijiet pendenti li seta' kellu dovuti, għaliex l-uniku kontijiet ta' 3 xhur (Jan-Mar) kienu għal żmien li l-kuntrattur m'għamilx xogħol. Għaldaqstant dawn ma kienux dovuti u l-kuntrattur ma kellux dritt jibgħathom ladarba xogħol m'għamilx. Penali lill-Kuntrattur

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Biex jidħol dan il-kliem f'para. 1.6.7 :**

***"Is-Segr. Eżek."*** **qabel il-kliem** ***"kompla jgħid…" .***

1.6.8 Is-Seg. Eżek. żied jgħid li l-Kunsill, anzi, għandu d-dmir li jippenalizza lill-kuntrattur għaliex naqas minn dmiru skont il-kuntratt. Dmir il-Kunsill Lokali

1.6.9 Is-Sindku qara lista li nġagħbet f'isem il-kuntrattur fl-uffiċċju li qal li għamel xi xogħlijiet matul April. Lista ta' xoghlijiet

1.6.10 Is-Seg. Eżek. qal li mhux qed jaċċetta dak li hemm fil-lista għaliex kulħadd jista' jara b'għajnejh stess li dan mhux minnu. Mhux aċċettata

1.6.11 Is-Sinj. D. Vella qalet li mhux l-ewwel darba li lmentat dwar dawn in-nuqqasijiet u għalkemm is-Seg. Eżek. kien iċempel lill-kuntrattur dwar xi lmenti, dan xorta ma kienx jagħmel ix-xogħol mitlub. Izjed nuqqasijiet

1.6.12 Is-Sur L. Bonavia għamel l-intervent tiegħu billi qal li hu mhux daqshekk ċar dwar id-deċiżjoni tas-Seg. Eżek., għalkemm hu fatt li din hi deċiżjoni amministrattiva. Mhux ċar dwar id-deċizjoniji

***(Korrezzjoni tal-Minuti mressqa b'riżoluzzjoni u proposta mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, issekondata mill-Kunsillier K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 17/06 tal-25 ta' Mejju 2010)***

**Wara para 1.6.12 jidħol dan il-paragrafu ġdid :**

***1.6.12.1 Il-Viċi Sindku reġa' nsista li din mhix deċiżjoni Amministrattiva u għalhekk ma qabilx mas-Sur Bonavia fuq dan il-punt.***

1.6.13 Hu qed jipproponi li minħabba li l-kuntrattur kiser biċ-ċar il-kuntratt għandu jiġi ppenalizzat billi tinżammlu pro-rata l-Garanzija Bankarja tat-3 xhur li matulhom naqas minn dmiru, jiġifieri jitnaqqsulu €250 mill-€1000 tal-garanzija. Kemm għandhom jitnaqqsulu

1.6.14 Ippropona wkoll li għax-xahar ta' April għandu jitħallas skont il-lista li ppreżenta moqrija mis-Sindku.

1.6.15 Is-Seg. Eżek. rrimarka li xorta ma jaqbilx li l-Kunsill iħallas għax-xahar ta' April għaliex diġa' ta r-raġunijiet tiegħu. Żied jgħid li l-Kunsill missu waqqaflu l-kuntratt b'avviż ta' xahar meta l-kuntrattur baqa' ma jirregolarizzax ruhu. Terminazzjoni tal-kuntratt

1.6.16 Il-Kunsill qabel unanimament li missu sar dan u għalhekk qed nieħdu dawn il-passi li jintgħażel l-aħjar kuntrattur biex ma jerġgħux jirrepetu ruħhom dawn l-iżbalji. Qbil mill-Kunsill Lokali

1.6.17 Il-Kunsill qabel unanimament ukoll mal-proposta tas-Sur L. Bonavia, cioe' li tinżammlu 25% tal-Garanzija Bankarja u li jsir ħlas ta' xahar xogħol f'April. Il-kontijiet tat-3 xhur, Jan-Marzu, ma jitħallsux. Deċiżżjoni definita

**2.0 Għeluq tal-Laqgħa**

**2.1** Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm u ġiet aġġornata *sine die* mis-Sindku.

**Maurice L. Mallia** — **Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ**
**Segr. Eżek.** — **Sindku**
10/05/2010

**mn16-06 straordinarja (7 Mejju 2010)/Minuti/ag**

**Wara l-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill.**

**Is-Sindku u s-Seg. Eżek. iffirmaw il-Minuti.**

**Waqt li kien qed jiffirma l-Minuti s-Seg. Eżek. qal li qed jiffirma dawn il-Minuti skont id-deċiżjoni tal-Kunsill imma qed jagħti avviż li ser jitlob lid-Dipartiment Gvern Lokali biex jinvestiga dan il-każ kollu.**

3 ta' Mejju 2010

**Lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha**
**Kunsill Lokali Hal Tarxien**

## IL-KUNTRATT TAL-MANUTENZJONI U ŻAMMA TAL-ĠONNA

Il-bieraħ il-Ħadd 2 ta' Mejju fl-10.30pm ta' bilejl ċempilli s-Sindku u argumentajna dwar il-garanzija bankarja miżmuma lill-kuntrattur tal-ġonna.

Qed ngħaddilkom dan ir-rapport bħala kjarifika biex jigi rregistrat fil-Laqgha Straordinarja ta' nhar il-Gimgha 7 ta' Mejju 2010.

"Huwa r-responsabbilta' u obbligu tiegħi li nassigura li l-finanzi tal-Kunsill ikunu protetti. Għaldaqstant ħassejt id-dmir li l-garanzija ta' €1000 tiġi miżmuma biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet u ħsarat li ġew ikkaġunati bin-nuqqas ta' servizz u nuqqas ta' osservazzjonijiet tad-dokument tal-offerta u l-kundizzjonijiet ġenerali għal kuntratt tas-servizzi.

Intom tafu daqsi, biex ma ngħidx iżjed minni, li dan il-każ issa ilu għaddej minn Ġunju tas-sena l-oħra wara xahar biss mill-għoti tal-offerta lill-Clo.Gauci. Fis-17 ta' Ġunju 2009 intbgħatitlu l-ewwel d*efault notice* u lista ppreparata mis-Sindku tax-xogħlijiet li kellu jagħmel. Xorta waħda baqa' ma rregolarizza il-pożizzjoni tiegħu u fl-10 ta' Lulju intbgħatet *default notice* oħra. Minn dak iż-żmien 'l hawn intbgħatu iżjed avviżi għan-nuqqas tat-twettieq, u xorta dan baqa' jiġi injurat.

Min-naha l-ohra l-Kunsill kellu wkoll twissijiet mingħand il-Plant Health Department li s-siġar tal-palm mhux qed jitbexxu kif meħtieġ bil-konsegwenza li kellna numru ta' palm li mietu. Anke' f'dan il-każ kellna nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-kuntrattur għaliex ma ħax il-passi immedjati stabbiliti biex ineħħi s-siġar morda u jiddisponi minnhom kif suppost. Konna avżati wkoll li nistgħu neħlu multa jekk ma nieħdux il-passi meħtieġa li, wara kollox, kien dmir tal-kuntrattur li jara li dan isir. Madankollu, tistgħu taraw intom stess li sal-lum xi palm u weraq għadhom ma tneħħewx. Oħrajn tneħħew mill-ħaddiema tal-Kunsill għaliex il-kuntrattur baqa' jinjora l-ordni li ingħatatlu kif ukoll it-twissijiet li ħarġu minn dan l-uffiċċju kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub.

Fl-ittra tiegħi tad-19 ta' Frar li għadda, li ġiet ikkomunikata lil kull membru tal-Kunsill, infurmajt lill-Kuntrattur li dawn in-nuqqasijiet ser iwassluh li jinżammulu l-pagamenti,

għaliex ovvjament ma kienx qed isir xogħol, l-ebda xogħol, li kien fid-dmir li jagħmel, (lanqas dak li jbattal il-*bins* mill-iskart) kif ukoll li tinżammlu l-Garanzija Bankarja. Din l-ittra inqrat ukoll mis-Sindku fil-laqgħa nru. 12/06 tal-25 ta' Frar, [para. 2.23]. Saret ukoll referenza mis-Sindku fil-laqgha nru 13/06 tat-23 ta' Marzu [para.3.15] dwar dawn in-nuqqasjiet kollha. Jiġifieri l-Kunsill kien jaf li ser isir dan il-proċess.

Nixtieq hawn infakkarkom dwar każ simili li kellna mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku snin ilu, fi żmien il-festa, meta ħallewlna kullimkien bl-iskart wara l-bibien u kellna nieħdu deċiżjoni immedjata li nqabbdu kuntrattur ieħor biex jeħlisna mill-problema. Konna żammejna wkoll il-garanzija bankarja. Infakkarkom ukoll li minħabba dan il-każ kont ġejt aggredit jien f'dan l-uffiċċju u ma ttieħdu ebda passi dwar dan mill-Kunsill.

Huwa dmir Amministrattiv tiegħi bħala Segretarju Eżekuttiv li nara li jitieħdu l-passi meħtieġa skont il-każ u nissalvagwardja l-interessi tal-Kunsill.

Il-kuntrattur, fost id-dmijiet ta' kuljum li kellu jagħmel biex iżomm fi stat tajjeb il-ġonna u *soft areas*, kellu jagħmel ix-xogħlijiet, fost oħrajn, hawn taħt imsemmija u skont id-dokumenti tal-offerta : par. 02 "Natura tax-Xogħol":

Jiknes u jiġbor l-iskart iġġenerat fil-ġonna;
Jaqta' l-ħaxix ħażin;
Manutenzjoni tal-fatturi ortikulturali;
Tħawwil ta' fjuri staġjonali;
Manutenzjoni tal-għamara tal-ġonna u apparat tal-logħob;
Tisqija regolari.

Fl-14 ta' April bgħatt ittra lill-kuntrattur akkumpanjata b'50 ritratt li juru l-iżdingar, t-telqa u ħmieġ li jinsabu fih il-ġonna kollha u s-*soft areas* tar-raħal li kellu jkun responsabbli minnhom Carmelo Gauci. Ix-xoghol mehtieg f'dan ir-rigward ilu ma jsir minn Jannar ta' din is-sena, ghalkemm il-kuntrattur xorta wahda, bil-wicc tost kollu, baqa' jibghat il-kontijiet. Sat-30 ta' April, meta l-Kunsill ittermina l-kuntratt minħabba n-nuqqasijiet kollha li qatt ma ġew irregolati, l-istat tal-ġonna u *soft areas* baqa' jehzien.

F'dan ir-rigward, u minħabba li wasal żmien il-festa, is-Sindku ħa l-inizjattiva li jqabbad kuntrattur ieħor biex għallinqas inaddaf l-iskart li baqa' jakkumula fil-*bins*. Dan skont il-provvediment tal-Kundizzjonijiet Ġenerali art. 33.

Ovvjament il-kuntrattur sostitut ser jibgħat il-kont biex jitħallas ta' xogħolu. Dawn l-ispejjeż irid jagħmel tajjeb għalihom l-ewwel kuntrattur, cioe` Carmelo Gauci. L-uniku flus li huma għad-dispozizzjoni tal-Kunsill hi appuntu l-garanzija bankarja li qed tinżamm favur il-Kunsill Lokali biex f'każi bħal dawn tiġi mgħoddija lill-Kunsill, bħal fil-każ tal-ġbir ta' skart domestiku.

Il-kontijiet minn Jannar sa Marzu (għax ta' April ma wasalx fl-uffiċċju) ma ġewx imħallsa għaliex il-Kunsill jaf li xogħol f'dawn ix-xhur ma sarx u għaldaqstant il-Kunsill hu fid-dmir li ma jħallasx għal xogħol li suppost kellu jsir u ma sarx.

Allura l-uniku mezz biex jirkupra spejjeż dovuti lit-tieni kuntrattur ghax-xoghol li ghamel f'dak li naqas li jaghmel Carmelo Gauci, kif ukoll għal spejjeż oħra ta' ħsarat li għad iridu jiġu kwantifikati, bħal xitel tal-ward fi Ġnien Ovindoli li tħalla jinqered għax ma ġiex

ikkultivat, u pjanti oħra bħalma kien hemm fi Ġnien il-Kunsill Lokali 2000, ħdejn il-Berġa, ħdejn il-Monument tal-Gwerra u fi Ġnien Joanne, il-Kunsill għandu dritt iżomm il-Garanzija Bankarja.

Sakemm il-Kunsill kien konxju tan-nuqqasijiet kollha, l-ittri ta' twissija li ntbgħatu lill-kuntrattur, l-ilmenti li l-ħin kollu deħlin fl-uffiċċju kif ukoll fil-media, ix-xogħol li qed jagħmel il-kuntrattur sostitut, kif ukoll id-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Kunsill kontra l-atteġjament negattiv tal-kuntrattur konċernat, ħassejtni fid-dmir u l-obligu, sakemm qed naġixxu fil-parametri ta' dan kollu, li nawtorizza l-bank jgħaddi l-Garanzija Bankarja ta' €1000 fil-kont ta' dan il-Kunsill. Dan kien dover amministrattiv tieghi fl-interess tal-Kunsill. Mhux talli ghandha tinzammlu l-garanzija bankarja, anzi l-Kunsill hu fid-dmir ukoll li jimmultah għall-ksur tal-kuntratt, u li s'issa l-Kunsill għadu ma ħa ebda passi dwar dan.

Ma nippretendix li l-Kunsill jahseb li jien qed nagixxi minn wara dahru jew li qed niehu decizjonijiet ulterjuri, imma inħoss li l-Kunsill għandu jirrikonoxxi d-dmirijiet tiegħi u l-obligi tiegħi u li nkun proattiv qabel ma l-Kunsill jidħol f'xi gwaj.

Huwa fid-dmir tiegħi li nwaqqaf kull azzjoni, li tista' tkun żbaljata jew li tista' twassal għal riżultati negattivi, qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi. Il-lealta' tiegħi lejn il-Kunsill dejjem kienet, għada u tibqa' prijorita' sakemm inżomm il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.

Perswaz li, wara li l-Kunsill ghadda minn dawn il-problemi kollha, l-għażla għal kuntrattur ġdid tkun waħda għaqlija u dejjiema."

Insellmilkom.

**Maurice L. Mallia**
**Seg. Eżek.**